



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp*

---

**2009/2149(INI)**

13.4.2011

# **EMENDI**

## **1 - 45**

**Abbozz ta' rapport**  
**Gay Mitchell**  
(PE462.563v01-00)

dwar ir-Regolament (KE) 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp: lezzjonijiet miksuba u perspettivi għall-ġejjieni  
(2009/2149(INI))

AM\_Com\_NonLegReport

**Emenda 1**  
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa 22a (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-entitajiet lokali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp (2006/2235(INI)) ,**

Or. fr

**Emenda 2**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa 22b (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2007 dwar l-entitajiet lokali u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp,**

Or. en

**Emenda 3**  
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa 22c (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2008) 626 finali) dwar « L-Awtoritajiet lokali fl-iżvilupp»,**

Or. fr

**Emenda 4**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa 22d (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2008 « L-Awtoritajiet Lokali: Atturi fl-iżvilupp »,**

Or. en

**Emenda 5**  
**Patrice Tirolien, Norbert Neuser**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa 22 e (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra d-Djalogu Strutturat bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, l-atturi mhux statali u l-awtoritajiet lokali li tnedja f'Marzu 2010,**

Or. fr

**Emenda 6**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Ċitazzjoni 22f (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**- wara li kkunsidra d-Djalogu Strutturat li tnedja mill-Kummissjoni Ewropea bl-iskop li tinvolti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) u l-Awtoritajiet Lokali (LAs) fil-kooperazzjoni għall-**

*iżvilupp fil-KE,*

Or. en

**Emenda 7**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Da (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Da. billi skont id-Dikjarazzjoni konġunta  
dwar l-Iskrutinju Demokratiku u l-  
Koerenza tal-Azzjonijiet Esterni u d-  
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-  
Iskrutinju Demokratiku u l-Koerenza tal-  
Azzjonijiet Esterni annessi mal-Ftehim  
Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina tal-  
baġit u l-immaniġġjar finanzjarju sod, il-  
Kummissjoni impenjat ruħha li  
“tikkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament  
Ewropew meta timplimenta l-istrategġji”,***

Or. en

**Emenda 8**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Db (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Db. billi l-prinċipji ta' sjieda,  
parteċipazzjoni u governanza tajba jitolbu  
li jkun hemm approċċ minn bosta atturi u  
li fih l-imsieħba varji għall-iżvilupp,  
jiġifieri, l-awtoritajiet lokali u atturi mhux  
statali, jaġixxu b'mod komplimentarju u  
koerenti; u billi madankollu huwa  
importanti li jkun hemm distinzjoni ċara  
bejn ir-rwol speċifiku tal-awtoritajiet  
lokali u dak tal-atturi mhux statali f'dik li***

*hi l-isfera tagħhom ta' kompetenza,  
leġittimità u kontrol demokratiku,  
esperjenza fil-ġestjoni ta' affarijiet lokali  
u involviment fl-implimentazzjoni tal-  
politiki pubbliċi;*

Or. en

**Emenda 9**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Dc (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Dc. billi l-finanzjament mill-UE tal-  
kooperazzjoni internazzjonali mal-Afrika  
għej minn tliet strumenti ġeografiċi: il-FEŻ  
għall-pajjiżi Afrikani-PAK, it-TDCA  
għall-Afrika t'Isfel u l-ENPI għall-ħames  
Stati tat-Tramuntana tal-Afrika; billi l-  
frammentazzjoni tal-istrumenti hija ta'  
detriment għall-konsistenza u għall-  
koerenza tal-politika, kif stipulat fl-  
Artikolu 208 tat-Trattat ta' Lisbona,*

Or. en

**Emenda 10**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Fa (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*Fa. billi s-Samit dwar id-Dinja 2012  
għandu l-iskop li jiżgura tiġdid tal-impenn  
politiku għal żvilupp sostenibbli, jevalwa  
l-progress li sar lejn l-għanijiet miftiehma  
dwar l-iżvilupp sostenibbli u sabiex  
jindirizza l-isfidi ġodda li qed jitfaċċaw,*

**Emenda 11**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Premessa Fb (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***Fb. billi l-Artikolu 290 tat-TFUE jistqarr li att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv,***

**Emenda 12**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3. *Jiddispaċih li t-tħassib*** tal-Parlament, li ***tqajjem*** waqt il-proċess ta' skrutinju demokratiku, b'mod partikolari dwar nuqqas ta' fokus fuq il-faqar u fuq l-MDGs, ma ***ġiex ikkunsidrat*** biżżejjed mill-Kummissjoni Ewropea;

**3. *Jiddeplora li bosta mit-tħassib u r-rakkomandazzjonijiet*** tal-Parlament, li ***tqajmu*** waqt il-proċess ta' skrutinju demokratiku, b'mod partikolari dwar nuqqas ta' fokus fuq il-faqar u fuq l-MDGs, ma ***ġewx ikkunsidrati*** biżżejjed mill-Kummissjoni Ewropea;

**Emenda 13**  
**Patrice Tirolien, Norbert Neuser**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3 a Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma kkunsidratx biżżejjed ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament li jindikaw nuqqas ta' osservazzjoni tal-miżuri previsti mill-Artikolu 19, 20 u 33 tar-Regolament KE Nru 1905/2006 dwar id-dritt ta' inizzjattiva u l-konsultazzjoni ta' atturi mhux statali u awtoritajiet lokali; jinsisti għalhekk fuq l-importanza tad- Djalogu Strutturati mibdi ft-Marzu 2010 mill-Kummissjoni Ewropea ma' dawn l-atturi;**

Or. fr

**Emenda 14**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 3b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**3b. Jinnota li l-programmar tal-UE jwarrab b'mod ġenerali l-kwistjoni tad-distribuzzjoni tad-dħul bħala għodda importanti għall-eradikazzjoni tal-faqar iżda jiffoka minflok fuq il-promozzjoni ta' tkabbir orjentat lejn l-esportazzjoni, miksub pereżempju permezz tal-liberalizzjoni tal-kummerċ, billi jassumi li dan awtomatikament iwassal għat-tnaqqis tal-faqar; ifakkar f'dan il-kuntest li "strateġija favur it-tkabbir" m'għandhiex tkun konfuża ma' strateġija għal żvilupp fuq medda twila ta' żmien li tfisser il-finanzjament ta' objettivi għal perjodu twil ta' żmien bħalma huma l-edukazzjoni, is-saħħa l-aċċess għall-enerġija f'żoni rurali, appoġġ għall-impriżi agrikoli iżgħar, eċċ.;**

Or. en



**Emenda 15**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**4a. Jiddispjaċih li l-kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 35 tad-DCI ma weġibx għar-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament li indikaw li l-Kummissjoni kienet marret lilhinn mill-poteri implimentativi tagħha; ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom u sabiex jiżguraw, b'kollaborazzjoni stretta mal-Parlament, li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jkunu f'konformità totali mal-preskrizzjonijiet tad-DCI;**

Or. en

**Emenda 16**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 4b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**4b. Jinnota bi tħassib li x-xogħol sostanzjali ta' skrutinju li għamel il-Parlament ma ngħata ebda widen mir-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Kumitat tad-DCI; jiddispjaċih ħafna li, kontra dak li għamel il-Parlament, l-Istati Membri ma jidhirx li ffukaw fuq il-verifika tal-konformità tal-proposti tal-Kummissjoni mad-dispożizzjonijiet legali tad-DCI;**

Or. en

**Emenda 17**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 5a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***5a. Iqis li ħafna mill-karti strateġiċi tal-pajjiżi u dawk tar-reġjuni ma jallokawx riżorsi biżżejjed għall-għan sovrastanti tal-DCI għall-eradikazzjoni tal-faqar fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli, u li ħafna dokumenti huma nieqsa minn indikazzjonijiet ċari dwar kemm l-azzjonijiet proposti jistgħu jikkontribwixxu għall-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;***

Or. en

**Emenda 18**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***6a. Ifakkar li l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, "sjieda" tal-iżvilupp u għajnuna li ma tkunx frammetata huma essenzjali sabiex jiżguraw l-effettività tal-għajnuna;***

Or. en

**Emenda 19**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 7a (ġdid)**

**7a. Jemmen li l-għoti ta' fondi lill-Afrika permezz ta' tliet strumenti differenti mhuwiex effiċjenti u ma joffrix tweġiba għax-xewqa tal-Afrika li tkompli tiżviluppa bħala kontinent unifikat; jirrakkomanda għalhekk, bi qbil mal-prinċipju tas-sjieda tal-iżvilupp, li jiġi żviluppat strument uniku ta' finanzjament għall-Afrika sabiex jirrifletti li l-prinċipju ta' "Afrika ttrattata bħala entità waħda" li jinsab fl-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika (JAEs) u jappoġġa l-aġenda ta' integrazzjoni kontinentali;**

Or. en

## Emenda 20

Bart Staes, Catherine Grèze

### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

8. Jenfasizza li l-konformità sħiħa mal-kriterji tal-ODA, u b'mod partikolari marrekwiżit tal-OECD/DAC li 'kull tranżazzjoni tiġi amministrata bl-għan ewlieni li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u l-benessri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw' <sup>1</sup>, trid tibqa' kundizzjoni tal-miżuri kollha li jiġu ffinanzjati permezz ta' programmi ġeografiċi fl-ambitu tal-istrument il-ġdid; jitlob li jkun hemm kwota tal-ODA aktar stretta għal programmi tematiċi meta mqabbla ma dik fl-ambitu tad-DCI attwali;

8. Jenfasizza li l-konformità sħiħa mal-kriterji tal-ODA, u b'mod partikolari marrekwiżit tal-OECD/DAC li 'kull tranżazzjoni tiġi amministrata bl-għan ewlieni li tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u l-benessri tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw' <sup>2</sup>, trid tibqa' kundizzjoni tal-miżuri kollha li jiġu ffinanzjati permezz ta' programmi ġeografiċi fl-ambitu tal-istrument il-ġdid; jitlob li jkun hemm kwota tal-ODA aktar stretta għal programmi tematiċi meta mqabbla ma' dik fl-ambitu tad-DCI attwali, **speċjalment rigward programmi tematiċi dwar "il-migrazzjoni u l-ażil" fejn il-Kummissjoni**

<sup>1</sup> Ara OECD/DAC: Direttivi ta' Rappurtaġġ għas-Sistema ta' Rappurtaġġ tal-Kreditur' ('Reporting Directives for the Creditor Reporting System')

<sup>2</sup> Ara OECD/DAC: Direttivi ta' Rappurtaġġ għas-Sistema ta' Rappurtaġġ tal-Kreditur' ('Reporting Directives for the Creditor Reporting System')

*ma wrietx b'mod çar kif attivitajiet fil-kuntest tal-kontrolli tal-fruntieri huma DACabbli;*

Or. en

**Emenda 21**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 9**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

9. Jenfasizza li l-kisba tal-MDGs trid tibqa' l-objettiv *ewlieni* tal-istrument għall-perjodu li jispiċċa fis-sena 2015; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ghajjnuna tal-UE tkompli tkun koerenti mal-objettivi u l-miri għall-iżvilupp miftehma internazzjonalment li se jiġu adottati min-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra għall-perjodu ta' wara l-2015;

*Emenda*

9. Jenfasizza li *l-appoġġ għal żvilupp sostenibbli fid-dimensjoni ekonomika, soċjali u ambjentali tagħha huwa l-uniku mezz biex jitnaqqas il-faqar billi jiġu indirizzati l-każi tal-faqar; għalhekk, huwa tal-fehma li filwaqt* li l-kisba tal-MDGs trid tibqa' l-objettiv ewlieni tal-istrument għall-perjodu li jispiċċa fis-sena 2015, *il-kisba tal-objettiv tal-eradikazzjoni tal-faqar jehtiegħ li tirrifletti r-riżultati tas-Samit Dinji dwar Żvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġi implimentat bis-sħiħ il-prinċipju ta' koerenza politika għall-iżvilupp;* ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ghajjnuna tal-UE tkompli tkun koerenti mal-objettivi u l-miri għall-iżvilupp miftehma internazzjonalment li se jiġu adottati min-NU u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra għall-perjodu ta' wara l-2015;

Or. en

**Emenda 22**  
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

10. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mhux ODA ma' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-provvista ta' beni pubbliċi globali; jemmen li dan it-tip ta' kooperazzjoni għandu jkun regolat u l-fondi għandhom jgħaddu minn strument separat wieħed jew aktar, sabiex tkun żgurata t-trasparenza u mħarsa n-natura partikolari tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala qasam politiku awtonomu fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni; jinsisti, skont l-impenn meħud fil-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, li l-iffinanzjar għat-tibdil fil-klima m'għandux idgħajjef jew jipperikola l-ġlieda kontra l-faqar u l-progress kontinwu lejn l-MDGs, u li l-fondi skarsi tal-ODA disponibbli għat-tnaqqis tal-faqar m'għandhomx imorru għal skopijiet oħra għajr l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

*Emenda*

10. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' kooperazzjoni mhux ODA ma' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-provvista ta' beni pubbliċi globali; jemmen li dan it-tip ta' kooperazzjoni għandu jkun regolat u l-fondi għandhom jgħaddu minn strument separat wieħed jew aktar, sabiex tkun żgurata t-trasparenza u mħarsa n-natura partikolari tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħala qasam politiku awtonomu fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni; jinsisti, skont l-impenn meħud fil-Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, li l-iffinanzjar għat-tibdil fil-klima m'għandux idgħajjef jew jipperikola l-ġlieda kontra l-faqar u l-progress kontinwu lejn l-MDGs, u li l-fondi skarsi tal-ODA disponibbli għat-tnaqqis tal-faqar m'għandhomx imorru għal skopijiet oħra għajr l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; ***jenfasizza li d-definizzjoni ta' ODA kif stipulat mill-OECD m'għandhiex tinbidel u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-proġetti kollha għall-iżvilupp ifffinanzjati mill-UE ma jmorrux kontra l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima globali u ma jaffettwax il-klima, b'mod partikolari fir-rigward ta' proġetti infrastrutturali kbar jew proġetti fi gżejjer żgħar li jkunu minn tal-ewwel li jsofru l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima;***

Or. en

**Emenda 23**

**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Paragrafu 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***10a. Jesprimi t-tħassib tiegħu, fi żmien ta'***

*restrizzjonijiet serji tal-baġit pubbliku, dwar l-enfasi qawwija magħmula fuq l-investimenti tas-settur privat bħala mezz biex jiġġenera aktar riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp; ifakkar li kooperazzjoni għall-iżvilupp hija l-unika politika ta'azzjoni esterna (minbarra l-għajnuna umanitarja) li ma kenitx imfassala biex iservi l-interessi tal-UE, iżda biex tiddefendi l-interessi tal-aktar popolazzjonijiet emarġinati u vulnerabbli ta' din il-pjaneta: għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li kwalunkwe finanzi pubbliċi użati biex jappoġġaw investiment tas-settur privat fin-Nofsinhar ma jittieħdux minn setturi li diġà huma sottofinanzjati (bħal pereżempju fil-każ ta' atturi mhux statali u awtoritajiet lokali), u li tali appoġġ ikun jippermetti effettivament l-iżvilupp tas-settur privat domestiku u impriżi żgħar u medji f'pajjiżi bi dħul baxx;*

Or. en

**Emenda 24**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 10b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*10b. Ifakkar barra minn hekk li ċerti kundizzjonijiet iridu jiġu implimentati sabiex jiżguraw li investimenti privati jkollhom impatt pożittiv fuq il-foqra; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel evalwazzjoni bir-reqqa dwar kif investimenti privati appoġġati pubblikament fin-Nofsinhar ikkontribwew għal riżultati pożittivi ta' żvilupp (speċjalment permezz ta' ħolqien ta' impjiegi sostenibbli), filwaqt li jiġu stabbiliti sett ta' standards stretti u vinkolanti sabiex jiżguraw finanzjament*

*responsabbli (bħala meżż kontra l-flussi finanzjarji illeċiti) u l-kisba ta' riżulati ta' żvilupp pożittivi;*

Or. en

## **Emenda 25**

**Bart Staes, Catherine Grèze**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

11. Jaqbel li jinħtieġ approċċ divrenzjat lejn il-grupp divers ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, ***u li l-ghajjnuna finanzjarja tradizzjonali tista' ssir inqas relevanti għal pajjiżi emerġenti. iqis li l-ghajjnuna għal pajjiżi emerġenti, filwaqt li tippromwovi tkabbir ekonomiku sostenibbli, xorta għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-politika fiskali tal-pajjiż sieħeb u l-promozzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' dħul domestiku li għandu jwassal għat-tnaqqis tal-faqar u tad-dipendenza fuq l-ghajjnuna;***

#### *Emenda*

11. Jaqbel li jinħtieġ approċċ divrenzjat lejn il-grupp divers ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw; ***iqis li*** pajjiżi emerġenti ***għandhom il-potenzjal sabiex jiġfinanzjaw l-iżvilupp tagħhom u jiġġieldu kontra l-faqar permezz ta' sistemi ta' ġbir ta' taxxi trasparenti u ridistribuzzjonui ġusta tal-ġid; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni sabiex itemm gradwalment l-ghajjnuna finanzjarja tradizzjonali permezz tad-DCI, filwaqt li tiġġieled kontra kenn għat-taxxi, evażjoni tat-taxxa u l-ħarba illeċita ta' kapital sabiex tippermetti li pajjiżi jiġbru dħul domestiku li għandu jwassal għat-tnaqqis tal-faqar u d-dipendenza fuq l-ghajjnuna;***

Or. en

## **Emenda 26**

**Bart Staes, Catherine Grèze**

### **Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11a (ġdid)**

#### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***11a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tipprovd i appoġġ aqwa biex tgħin pajjiżi emerġenti u pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-***

#### *Emenda*

*riformi fiskali bl-iskop li jingħata appoġġ lil sistemi effettivi, effiċjenti, ġusti u sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni biex tintegra b'mod effikaċi l-prinċipji ta' governanza tajba fil-kwistjonijiet fiskali fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-dokumenti ta' strateġija għall-pajjiżi u r-reġjuni, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinfurzew rappurtar ta' kumpaniji transnazzjonali minn pajjiżi individwali;*

Or. en

**Emenda 27**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 13**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

13. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, sabiex tinkiseb il-preskrizzjoni tat-Trattat tal-Artikolu 210 TFUE, u jappoġġa l-iżvilupp ta' dokumenti strateġiċi konġunti Ewropej;

*Emenda*

13. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, sabiex tinkiseb il-preskrizzjoni tat-Trattat tal-Artikolu 210 TFUE, u jappoġġa l-iżvilupp ta' dokumenti strateġiċi konġunti Ewropej; ***jemmen li d-dokumenti ta' programmar kollha għal kull pajjiż u reġjun għandhom jinkludu matriċi ta' donaturi dettaljata u aġġornata, kif ukoll kapitoli speċjali dwar l-effettività tal-ghajjnuna tal-UE li jispesifikaw iżżjonijiet li ttieħdu biex tiżdied il-koordinazzjoni, l-armonizzazzjoni u l-kumplimentarjetà tad-donaturi u jittejjeb kif jinqasam ix-xogħol fost id-donaturi u partikolarment fost l-Istati Membri tal-UE;***

Or. en



**Emenda 28**  
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

14. Itenni t-talba tiegħu li l-FEŻ jiddaħħal fil-baġit tal-UE, sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri u tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza tal-għajjnuna tal-KE; jinsisti li dan mgħandux iwassal għal xi tnaqqis fl-ammonti globali ta' finanzjament fil-livell tal-UE għad-DCI u għall-FEŻ;

*Emenda*

14. Itenni t-talba tiegħu li l-FEŻ jiddaħħal fil-baġit tal-UE, sabiex ikunu simplifikati l-proċeduri u tiżdied l-effikaċja u l-effiċjenza tal-għajjnuna tal-KE; jinsisti li dan mgħandux iwassal għal xi tnaqqis fl-ammonti globali ta' finanzjament fil-livell tal-UE għad-DCI u għall-FEŻ ***u fl-ammonti totali ta' fondi disponibbli fil-livell tal-UE għal ODA;***

Or. en

**Emenda 29**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu -14a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***14a. Jemmen li jeħtieġ jisseddaq l-appoġġ għall-gruppi vulnerabbli (nisa, nies b'diżabilità, iżgħażaġh u nies bla xogħol, nies indiġeni), kif ukoll għall-integrazzjoni tas-sessi u għal 'kwistjonijiet trasversali' oħrajn; jinsisti li l-istrument suċċessur tad-DCI jeħtieġ standards ta' referenza ċari fid-dokumenti ta' programmar sabiex jiżguraw li l-impatt tal-intervenzjonijiet tal-UE f'dawn l-oqsma jkun jista' jitkejjel;***

Or. en

**Emenda 30**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu -14b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14b. Ifakkar li skont “Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp” (2005) il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għandhom ikunu responsabbli huma stess għall-istrateġiji nazzjonali tagħhom biex jinkisbu dawn l-għanijiet; f’dan il-kuntest jiddispjaċih li filwaqt li d-DCI jenfasizza l-importanza tas-sjieda tal-Karti ta’ Strateġija tal-Pajjiżi, l-involviment tal-parlamenti nazzjonali, bħal fil-każ tas-soċjetà ċivili, fil-prattika kien estremament fqir;**

Or. en

**Emenda 31**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 14c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**14c. Jenfasizza li l-involviment ta' l-awtoritajiet lokali fil-politiki għall-iżvilupp hija meħtieġa għal kisba tal-MDGs u l-assigurazzjoni ta' tmexxija tajba; ifakkar b'mod partikolari li l-awtoritajiet lokali għandhom rwol kruċjali f'oqsma bħalma huma l-educazzjoni, il-ġuħ, is-saħħa, l-ilma, is-sanità, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp ekonomiku lokali, eċċ; iqis għalhekk li hu essenzjali li jittejjeb ir-rwol tagħhom fl-istrument finanzjarju li jmiss, bi qbil mal-prinċipju tas-sjieda tal-iżvilupp;**

Or. en

### Emenda 32

Patrice Tirolien, Norbert Neuser

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 15

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

15. Jenfasizza l-hteġa ta' djalogu regolari u strutturat bejn il-Kummissjoni u s-SEAE, u atturi mhux statali (NSAs) u awtoritajiet lokali (LAs) dwar l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dokumenti ta' strateġija ;

##### *Emenda*

15. Jenfasizza l-hteġa ta' djalogu regolari u strutturat bejn il-Kummissjoni u s-SEAE, u atturi mhux statali (NSAs) u awtoritajiet lokali (LAs) dwar l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dokumenti ta' strateġija; ***jinsisti għalhekk fuq il-hteġa li jitqiesu l-konklużjonijiet tad-“Djalogu Strutturat” fl-istrumenti finanzjarji tal-ġejjieni ;***

Or. fr

### Emenda 33

Kriton Arsenis

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 18a (ġdid)

##### *Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18a. Huwa favur it-twaqqif ta' aktar miri speċifiċi u standards ta' referenza li jeżiġu monitoraġġ u rappurtar strett mill-Kummissjoni u li jżiedu l-effettività tad-DCI;

##### *Emenda*

18a. Huwa favur it-twaqqif ta' aktar miri speċifiċi u standards ta' referenza li jeżiġu monitoraġġ u rappurtar strett mill-Kummissjoni u li jżiedu l-effettività tad-DCI;

Or. en

### Emenda 34

Bart Staes, Catherine Grèze

#### Mozzjoni għal riżoluzzjoni

#### Paragrafu 19

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

19. Jinsisti fuq *kriterji ta' eleġibilità stretti għall-appoġġ baġitarju*; jinsisti li *l-Kummissjoni m'għandhiex tuża din il-modalità f'pajjiżi fejn ma tistax tkun żgurata t-trasparenza fin-nefqa pubblika, li l-appoġġ baġitarju dejjem għandu jiġi akkumpanjat minn azzjonijiet għall-iżvilupp tal-kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' verifika tal-pajjiż li jirċievi u għal żieda fit-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, u li s-soċjetà ċivili għandha tkun involuta fil-monitoraġġ tiegħu;*

*Emenda*

19. Jinsisti fuq *ir-rwol prominenti tal-parlamenti nazzjonali ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili benefiċarji għaliex dawn jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw setturi prijoritarji, jippreparaw Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u jimmoniterjaw l-allokkazzjonijiet tal-baġit; jitlob li l-parlamenti nazzjonali jadottaw il-Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u l-baġits pluriennali b'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili qabel id-djalogu ta' politika ma' donaturi dwar Appoġġ Baġitarju sabiex jissaħħaħ l-iskrutinju parlamentari; wara dan, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika fil-karti ta' strateġija tal-pajjiżi l-involviment tal-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom u l-imsieħba tas-soċjetà ċivili fil-fażijiet kollha tal-proċess ta' kooperazzjoni (djalogi formulazzjoni ta' karti ta' strateġija, programmar, implimentazzjoni, reviżjonijiet, evalwazzjonijiet);*

Or. en

**Emenda 35**  
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*19a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili fl-iżvilupp, bħal meta din taġixxi ta' gwardjan governattiv li jiżgura r-responsabilizzazzjoni, u jitlob li jkun hemm finanzjament adegwat indirizzat għas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;*

**Emenda 36**  
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19 b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***19 b Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tippovdi evalwazzjoni komprensiva fejn turi ċ-ċifri għall-appoġġ tal-baġit ġenerali, appoġġ skont is-settur, appoġġ skont il-proġetti u appoġġ taħt kwalunkwe forma miftiehma mal-gvern lokali; jenfasizza li dan ir-rendikont ġenerali jtejjeb il-konsistenza fl-appoġġ li jingħata lill-gvernijiet lokali u jtejjeb il-governanza tajba fil-pajjiżi msieħba;***

Or. fr

**Emenda 37**  
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 19 c (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

***19 c Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel id-diċentralizzazzjoni settur prijoritarju għall-finanzjament fi ħdan il-programmi ġeografiċi tar-Regolament DCI sabiex tirrispondi għaż-żieda qawwija ta' liġijiet tad-diċentralizzazzjoni fil-maġġoranza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw<sup>1</sup>;***

Or. fr

---

<sup>1</sup> It-tieni rapport dinji dwar id-diċentralizzazzjoni u d-demokrazija lokali fid-dinja ppubblikat minn "Cité et Gouvernements Locaux Unis" f'Novembru 2010.

**Emenda 38**  
**Kriton Arsenis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jinnota li l-programmi tematiċi kollha fl-ambitu tad-DCI taw prova tar-revelanza tagħhom, iżda jitlob li jsir eżerċizzju ta' ffukar mill-ġdid, fid-dawl ta' sfidi ġodda bħall-kriżi finanzjarja u ekonomika internazzjonali, il-kriżi dinjija tal-ikel, it-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet speċjali ta' stati fraġili u ta' stati fi tranżizzjoni;

*Emenda*

20. Jinnota li l-programmi tematiċi kollha fl-ambitu tad-DCI taw prova tar-revelanza tagħhom ***u jenfasisza li huwa ta' importanza kbira li jinżamm kemm il-programm tematiku kif ukoll dak ġeografiku***, iżda jitlob li jsir eżerċizzju ta' ffukar mill-ġdid, fid-dawl ta' sfidi ġodda bħall-kriżi finanzjarja u ekonomika internazzjonali, il-kriżi dinjija tal-ikel, it-tibdil fil-klima u l-ħtiġijiet speċjali ta' stati fraġili u ta' stati fi tranżizzjoni

Or. en

**Emenda 39**  
**Patrice Tirolien**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 20 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

***20a Jitlob lill-Kummissjoni biex meta ssir ir-riformulazzjoni tad-DCI il-programmi tal-atturi mhux statali u tal-awtoritajiet lokali jinqasmu f'żewġ strumenti separati sabiex tiġi evitata kompetizzjoni bla bżonn bejn iż-żewġ tipi ta' atturi li huma differenti daqskemm huma kumplimentarji;***

Or. fr

**Emenda 40**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 21**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

21. Jinsisti li kwalunkwe programm tematiku ġejjieni dwar il-migrazzjoni jrid ikun allinjat bis-sħiħ mal-objettivi tal-iżvilupp tal-UE u li l-finanzjament ewlieni fl-ambitu ta' dan il-programm irid jissodisfa l-kriterji ta' eleġibilità għall-ODA;

*Emenda*

21. ***Jindika l-fatt li l-migrazzjoni huwa qasam fejn hemm bżonn ċar ta' prijoritizzazzjoni tal-koerenza politika għall-iżvilupp dwar kunsiderazzjoni rigward migrazzjoni tal-UE f'terminu qasir ta' żmien indirizzati l-aktar għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali; jenfasizza li l-fondi għall-iżvilupp għall-migrazzjoni m'għandhomx jintużaw biex tissaħħaħ il-ġestjoni fuq il-fruntieri u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni; jinsisti li kwalunkwe programm tematiku ġejjieni dwar il-migrazzjoni jrid ikun allinjat bis-sħiħ mal-objettivi tal-iżvilupp tal-UE u li l-finanzjament ewlieni fl-ambitu ta' dan il-programm irid jissodisfa l-kriterji ta' eleġibilità għall-ODA; jenfasizza b'mod partikulari li proġetti li jirrigwardaw migrazzjoni min-Nofsinhar għan-Nofsinhar għandhom jingħataw prijorità fi ħdan il-Programm Tematiku;***

Or. en

**Emenda 41**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jenfasizza li programm tematiku ġdid bit-tema 'Ninvestu fin-Nies' jeħtieġ jiffoka fuq dawk l-MDGs li l-kisba tagħhom għadha 'l bogħod u fuq pajjiżi b'indikaturi kritiċi tal-MDGs;

*Emenda*

22. ***Jenfasizza li l-edukazzjoni bażika u l-alfabetiżmu huwa l-punt tat-tluq tal-proċess tal-kuxjenza tal-għarfien tal-popli u s-sjieda tal-iżvilupp; jenfasizza li programm tematiku ġdid bit-tema 'Ninvestu fin-Nies' jeħtieġ jiffoka fuq il-***

*kultura bħala għodda ta' emanċipazzjoni u parteċipazzjoni, kif ukoll fuq dawk l-MDGs li l-kisba tagħhom għadha 'l bogħod u fuq pajjiżi b'indikaturi kritiċi tal-MDGs;*

Or. en

**Emenda 42**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

22. Jenfasizza li programm tematiku ġdid bit-tema 'Ninvestu fin-Nies' jeħtieġ jiffoka fuq dawk l-MDGs li l-kisba tagħhom għadha 'l bogħod u fuq pajjiżi b'indikaturi kritiċi tal-MDGs;

*Emenda*

22. Jenfasizza li programm tematiku ġdid bit-tema 'Ninvestu fin-Nies' jeħtieġ jiffoka fuq dawk l-MDGs, *mingħajr ma jillimita ruħu biss għalihom*, li l-kisba tagħhom għadha 'l bogħod u *b'attenzjoni partikolari* fuq pajjiżi *u reġjuni* b'indikaturi kritiċi tal-MDGs;

Or. en

**Emenda 43**  
**Gay Mitchell**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*22a. Jemmen li l-istrument ġdid għandu jipprovdi approċċ differenzjat għall-finanzjament ta' organizzazzjonijiet ta' soċjetajiet ċivili u awtoritajiet lokali; jenfasizza l-bżonn li tiġi indirizzata l-problema ta' sottoskrizzjoni żejda tal-programm attwali u tar-rispett għad-dritt ta' inizzjattiva tal-organizzazzjonijiet infushom; jitlob li r-riżultati tad-Djalogu Strutturati għandhom jiġu riflessi fid-definizzjoni tar-rwol tal-atturi mhux*

*Emenda*



*statali u awtoritajiet lokali fl-istrumenti futuri u fil-modalitajiet tal-ghajjnuna proposti.*

Or. en

**Emenda 44**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22b (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

*22b. Ifakkar li waħda mir-raġunijiet għala l-MDGs ma ntlaħqux hija n-nuqqas li jiġu rikonoxxuti l-kontributi tal-ambjent, tar-riżorsi naturali u tal-ekosistemi għall-iżvilupp tal-bniedem u għall-eliminazzjoni tal-faqar; jinnota bi tħassib li filwaqt li l-Ghajjnuna Uffiċjali tal-Iżvilupp (ODA) Ewropea talloka 3% tan-nefqa totali għal kwistjonijiet ambjentali, problema oħra hi li parti mill-finanzjament tal-UE u tal-Istati Membri għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija investita fi proġetti li jiffavorixxu t-tibdil fil-klima, pjuttost milli jnaqqasuh; jenfasizza li jeħtieġ titjib fil-koerenza tal-politka għall-iżvilupp fil-qasam tat-tibdil fil-klima, speċjalment fejn jirrigwarda finanzjament għall-klima u l-integrazzjoni fil-kooperazzjoni tal-UE rigward preokkupazzjonijiet dwar it-tibdil fil-klima;*

Or. en

**Emenda 45**  
**Bart Staes, Catherine Grèze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 22c (ġdid)**

**22c. Jindika l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri kkonkludiet fir-rapport speċjali tagħha “Rapport Speċjali 6/2006” li l-UE għamlet biss progress limitat mill-2001 'il hawn rigward l-integrazzjoni tal-ambjent fil-kooperazzjoni għall iżvilupp tagħha, għaliex il-Karti ta' Strateġija tal-Pajjiżi ma kkunsidrawx biżżejjed il-kwistjonijiet ambjentali; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-kwistjonijiet ambjentali jiġu integrati u mmoniterjati aħjar fil-politiki esterni u fl-istrumenti finanzjarji kollha, speċjalment vis à vis l-isfida attwali tat-tibdil fil-klima u tat-telf tal-bijodiversità;**

Or. en